Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2343

21.11.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2343

tad-19 ta' Novembru 2025

dwar ir-rifjut tal-protezzjoni fl-Unjoni tad-Denominazzjoni ta' Oriġini ВОЛОГОДСКОЕ КРУЖЕВО (VOLOGODSKOE KRUZHEVO) irreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi tal-Att ta' Ġinevra

(notifikata bid-dokument C(2025) 7686)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 5(1) u (2) tal-Att ta' Ġinevra tal-2015 tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi [2] (l-"Att ta' Ġinevra"), l-Awtoritajiet Kompetenti ta' kull Parti Kontraenti għall-Att ta' Ġinevra jistgħu jirreġistraw applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni internazzjonali ta' denominazzjoni ta' oriġini jew ta' indikazzjoni ġeografika mal-Bureau Internazzjonali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO, World Intellectual Property Organization), li jirreġistraha fir-Reġistru Internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 6 tal-Att ta' Ġinevra. F'konformità mal-Artikolu 9 tal-Att ta' Ġinevra, il-Partijiet Kontraenti l-oħra jridu jipproteġu d-denominazzjonijiet ta' oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi rreġistrati fit-territorji tagħhom fis-sistema legali tagħhom stess soġġetti għal kwalunkwe rifjut, rinunzja, invalidazzjoni jew kanċellazzjoni.

(2) F'konformità mal-Artikolu 6(4) tal-Att ta' Ġinevra, fis-17 ta' April 2025, il-Bureau Internazzjonali tad-WIPO (minn hawn 'il quddiem "il-Bureau Internazzjonali") innotifika lill-Kummissjoni li l-isem ВОЛОГОДСКОЕ КРУЖЕВО (VOLOGODSKOE KRUZHEVO), applikat mill-Federazzjoni Russa, kien ġie rreġistrat bħala Denominazzjoni ta' Oriġini fir-Reġistru Internazzjonali tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi skont l-Att ta' Ġinevra. L-isem jindika bizzilla, purtieri tal-bizzilla, gverti tal-bizzilla, srievet tal-bizzilla, dvalji tal-bizzilla, bizzilla, xugamani tal-bizzilla, għenuq tal-bizzilla, inserzjonijiet tal-bizzilla, flokkijiet tal-bizzilla, qomos tan-nisa tal-bizzilla, qomos bin-naħa tal-quddiem tal-bizzilla, imkatar tal-bizzilla, kmiem tal-bizzilla, mantijiet tal-bizzilla, mantelli tal-bizzilla, xalpi tal-bizzilla, ingravajjet tal-bizzilla, stoli tal-bizzilla, kapep tal-bizzilla, ingwanti tal-bizzilla, fradal tal-bizzilla, xalel tal-bizzilla, ilbiesi tal-bizzilla, ġabots tal-bizzilla, u markaturi tal-paġni tal-bizzilla mill-belt ta' Vologda, id-Distrett ta' Vologodsky, ir-Reġjun ta' Vologda tal-Federazzjoni Russa.

(3) Billi sa issa ma hemm l-ebda protezzjoni fil-livell tal-Unjoni għall-indikazzjonijiet ġeografiċi li jiddeżinjaw il-prodotti artiġjanali, ir-reġistrazzjoni internazzjonali tad-denominazzjoni ta' oriġini ВОЛОГОДСКОЕ КРУЖЕВО (VOLOGODSKOE KRUZHEVO) ma ġietx ippubblikata. F'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2019/1753, trid tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* biss ir-reġistrazzjoni internazzjonali nnotifikata mill-Bureau Internazzjonali relatata ma' prodotti li fir-rigward tagħhom tiġi pprovduta l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fil-livell tal-Unjoni, sabiex tkun tista' tiġi ppreżentata oppożizzjoni possibbli. Ir-Regolament (UE) 2023/2411 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3], li jipprevedi l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi li jiddeżinjaw il-prodotti artiġjanali u industrijali se jsir applikabbli mill-1 ta' Diċembru 2025 sabiex jipprevedi li r-reġistrazzjonijiet tal-indikazzjonijiet ġeografiċi artiġjanali u industrijali minn pajjiżi terzi nnotifikati mid-WIPO jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u vvalutati bil-ħsieb li tingħata protezzjoni.

[1] ĠU L 271, 24.10.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1753/oj.
[2] ĠU L 271, 24.10.2019, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2019/1754/oj.
[3] Ir-Regolament (UE) 2023/2411 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1001 u (UE) 2019/1753 (ĠU L, 2023/2411, 27.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2411/oj).

(4) Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2019/1753, jenħtieġ li tiġi rrifjutata l-protezzjoni fl-Unjoni tal-isem ВОЛОГОДСКОЕ КРУЖЕВО (VOLOGODSKOE KRUZHEVO), li jiddeżinja l-prodotti tal-bizzilla, irreġistrati bħala denominazzjoni ta' oriġini fir-Reġistru Internazzjonali skont l-Att ta' Ġinevra.

(5) Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 5s(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 ([4]), l-istituzzjonijiet kompetenti skont id-dritt tal-Unjoni, inkluż il-Kummissjoni, ma jistgħux jaċċettaw applikazzjonijiet ġodda għar-reġistrazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ppreżentati minn ċittadini Russi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja jew minn persuni ġuridiċi stabbiliti fir-Russja.

(6) Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 5s(4) tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, l-Unjoni, meta taġixxi skont il-Konvenzjoni li Tistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali, hija obbligata tuża l-aħjar sforzi biex tiżgura li d-WIPO jew l-uffiċċji tal-proprjetà intellettwali kostitwiti skont id-dritt tal-Unjoni ma jaċċettawx applikazzjonijiet ġodda għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali minn kwalunkwe ċittadin Russu jew persuna fiżika li tirrisjedi fir-Russja, jew minn persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja.

(7) Billi d-denominazzjoni ta' oriġini ВОЛОГОДСКОЕ КРУЖЕВО (VOLOGODSKOE KRUZHEVO) ġiet innotifikata lill-Unjoni għall-protezzjoni wara r-reġistrazzjoni tagħha fir-Reġistru Internazzjonali, mhuwiex possibbli li jiġi żgurat li d-WIPO mhux se taċċetta applikazzjonijiet ġodda għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali minn kwalunkwe ċittadin Russu jew persuna fiżika li tirrisjedi fir-Russja, jew minn persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja. Madankollu, il-protezzjoni mfittxija għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, u b'mod partikolari għall-indikazzjonijiet ġeografiċi, relatati mar-Russja jenħtieġ li ma tingħatax fl-Unjoni.

(8) Sakemm ikunu fis-seħħ tali miżuri restrittivi kontra l-applikazzjonijiet u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jikkonċernaw kwalunkwe ċittadin Russu jew persuna fiżika li tirrisjedi fir-Russja, jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja, jenħtieġ li l-Kummissjoni taġixxi b'mod li twaqqaf l-għoti ta' kwalunkwe protezzjoni bħal din ta' denominazzjoni ta' oriġini jew ta' indikazzjoni ġeografika.

(9) Billi diversi Stati Membri, jiġifieri, iċ-Ċekja, Franza, l-Ungerija, il-Portugall u s-Slovakkja huma partijiet kontraenti għall-Att ta' Ġinevra, u meta jitqies in-nuqqas ta' kompetenza tal-Istati Membri biex jiddeċiedu dwar il-protezzjoni nazzjonali ta' denominazzjoni ta' oriġini minħabba l-fatt li din hija kompetenza esklużiva tal-Unjoni minn meta saret l-adeżjoni tal-Unjoni mal-Att ta' Ġinevra fl-2019, jeħtieġ li jiġi ċċarat li r-rifjut ta' ВОЛОГОДСКОЕ КРУЖЕВО (VOLOGODSKOE KRUZHEVO) japplika għat-territorju kollu tal-Unjoni. Barra minn hekk, minħabba l-kompetenza esklużiva tal-Unjoni dwar il-kwistjoni u r-rwol li l-Kummissjoni teżerċita fl-Att ta' Ġinevra, ta' awtorità kompetenti għall-Unjoni u għal dawk l-Istati Membri li huma partijiet kontraenti għall-Att ta' Ġinevra, jenħtieġ li tali rifjut jiġi nnotifikat lid-WIPO f'isem l-Unjoni u f'isem iċ-Ċekja, Franza, l-Ungerija, il-Portugall u s-Slovakkja.

(10) Għalkemm mhumiex kompetenti biex jadottaw deċiżjonijiet dwar il-protezzjoni nazzjonali tad-denominazzjonijiet ta' oriġini rreġistrati skont l-Att ta' Ġinevra, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fil-protezzjoni ta' dawk id-denominazzjonijiet ta' oriġini fit-territorju kollu tal-Unjoni, il-Bulgarija u l-Italja, li huma firmatarji tal-ftehim ta' Liżbona iżda li għadhom ma aderewx mal-Att ta' Ġinevra, jenħtieġ li jinnotifikaw lid-WIPO dwar ir-rifjut tal-protezzjoni tad-denominazzjoni ta' oriġini ВОЛОГОДСКОЕ КРУЖЕВО (VOLOGODSKOE KRUZHEVO), jekk dawn jaderixxu mal-Att ta' Ġinevra, fi żmien sena minn dik l-adeżjoni.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'dan, il-protezzjoni tal-isem ВОЛОГОДСКОЕ КРУЖЕВО (VOLOGODSKOE KRUZHEVO), irreġistrat bħala denominazzjoni ta' oriġini fir-Reġistru Internazzjonali, hija rrifjutata fl-Unjoni.

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/833/oj).

Artikolu 2

Ir-rifjut tal-protezzjoni msemmi fl-Artikolu 1 japplika għat-territorju kollu tal-Unjoni. Għandu jiġi nnotifikat lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO) f'isem l-Unjoni kif ukoll f'isem iċ-Ċekja, Franza, l-Ungerija, il-Portugall u s-Slovakkja bħala partijiet kontraenti għall-Att ta' Ġinevra.

Artikolu 3

Il-Bulgarija u l-Italja għandhom jinnotifikaw lid-WIPO bir-rifjut tal-protezzjoni fir-rigward tad-denominazzjoni ta' oriġini ВОЛОГОДСКОЕ КРУЖЕВО (VOLOGODSKOE KRUZHEVO) fi żmien sena mill-adeżjoni tagħhom mal-Att ta' Ġinevra.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Din għandha tiġi nnotifikata lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Novembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN